MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 174/2012

**GO P.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Stafrace Ingrid Paola**
**I.D. 93367M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u disghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€490.78) skontil-prospett hawn anness u market Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni u cioe' tat-

televizjoni, internet u telefoniku, numru tal-kont *A/C40100457*. Moghtija mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-15 ta' Novembru, 2010 kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal- konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€490.78) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------